# IR-IV KTIEB

## Igħallem f'Tagaste u Kartaġni

1. Dawk id-disa' snin bejn id-dsatax u t-tmienja u għoxrin sena ta' għomri għaddejniehom nitħawdu u nħawdu, nitqarrqu u nqarrqu, mitlufin wara ħafna ġibdiet. Fil-publiku, minfuħin bina nfusna konna nxerrdu t-tagħlim hekk imsejjaħ liberali; fil-privat, bi twemmin fieragħ konna nitħarrġu f'reliġjon ta' l-isem biss; u frugħa f'kull ma nagħmlu. Fit-tagħlim ħsiebna kien fit-tifħir vojt li l-poplu jagħti biċ-ċapċip ta' l-idejn fit-teatru, f'konkorsi ta' poesija, f'gari għal kuruni tat-tiben[1], f'wirjiet ta' bluha, u f'ġibdiet bla rażan; fit-taħriġ reliġjuż konna nfittxu li nissaffew minn dan il-ħmieġ kollu billi noffru ikel lill-magħżulin u qaddisin, kif kienu jsejħulhom, ħalli fil-mitħna ta' l-istonku tagħhom jibdluhulna f'anġli u allat li jagħtuna l-ħelsien[2]. Din hija t-triq li kont qbadt u mxejt fiha flimkien mal-ħbieb li kont inqarraq bihom u nitqarraq bħalhom. Il-kburin, u dawk li int għadek ma xħetthomx ma' l-art biex tisħaqhom għall-ġid tagħhom, jistgħu jiddieħku bija kemm iridu, Alla tiegħi, imma jien xorta waħda nistqarrlek il-għajb tiegħi għat-tifħir tiegħek. Agħtini l-għajnuna, nitolbok, u ħallini issa ndur dawra bi ħsibijieti mat-triqat żbaljati tiegħi ta' l-imgħoddi u noffrilek sagrifiċċji b'agħjat

ta' ferħ. Għaliex jien x'jien għalija nnifsi mingħajrek ħlief mexxej lejn l-irdum? U mqar issa li nħossni f'sikti, jiena x'jien jekk mhux wieħed li jerda' l-ħalib tiegħek u jitgħajjex bik, ikel li ma jitħassarx? U xinhu l-bniedem, hu min hu, bħala bniedem? Ħa jiddieħku bina l-qawwija u s-setgħana, imma aħna d-dgħajfa u msejkna nfaħħruk.

2. F'dawk is-snin għallimt ir-rettorika, jiġifieri, kont inbigħ is-sengħa li biha wieħed jagħraf jitkellem u joħroġ rebbieħ[3]; iżda f'din il-ħidma jiena nnifsi kont mirbuħ mill-ġibda għall-glorja. Imma kif taf int, Mulej, jiena dejjem għażilt li jkolli dixxipli tajbin, u tajbin tassew; bla ma nqarraq bihom kont ngħallimhom kif iqarrqu, mhux biex igħarrqu lil min hu bla ħtija, iżda biex xi drabi jeħilsu lill-ħati. U int, o Alla, mill-bogħod rajt it-tama tiegħi taqa' fiż-żliq u toqgħod tnemnem fost ħafna duħħan, dik it-tama li fit-tagħlim tiegħi kont innissel f'dawk li jħobbu l-frugħa u jfittxu l-gideb, kif kont nagħmel jien.

Matul l-istess snin żammejt mara miegħi li ma ntrabattx magħha bi żwieġ hekk imsejjaħ leġittimu, għax fittixtha f'xegħla mherwla u bla għaqal. Iżda waħda biss kelli, u bqajt fidil magħha[4]. Din ir-rabta għallmitni ħaġa li jiena stess għaddejt minnha, jiġifieri, li l-ftehim regolari taż-żwieġ bil-ħsieb tat-tnissil ta' l-ulied ma għandu xejn x'jaqsam mal-ftehim magħmul bi mħabba żienja bejn tnejn li kontra qalbhom iġibu t-tfal fid-dinja, għad li dawn meta jitwieldu jġagħlu lill-ġenituri jħobbuhom.

Niftakar ukoll li darba fettilli nidħol f'konkors ta' poeżija teatrali, u wieħed li taparsi jaqra l-ġejjieni staqsieni xi ħlas nagħtih biex irebbaħni. Weġibtu u għidtlu li kont nistmerr u nobgħod it-tbassir moqżież tiegħu u li ma kontx

se nħallih joqtol dubbiena waħda minħabba fija, anqas kieku kellu jrebbaħni kuruna tad-deheb li ma tidbiel qatt. Għax fis-sagrifiċċji tiegħu kien se joqtol xi annimali biex b'din il-qima jsejjaħ fuqi l-għajnuna tad-dimonji[5]. Iżda, o Alla ta' qalbi, mhux f'ġieh is-safa tiegħek warrabtu dan l-egħmil ħażin; kont għadni ma nafx inħobbok, għax ma kontx naf naħseb f'raġġi ta' dawl li mhumiex ħerġin mill-iġsma. U r-ruħ li tinkaram għal stħajjil bħal dan xi tkun tagħmel ħlief titbiegħed minnek u tmur tistrieħ fuq ħwejjeġ b'oħra tagħlef l-irjieħ? Jien ma ridtx li jsiru sagrifiċċji lid-dimonji għalija, tassew, iżda mbagħad kont noffrilhom lili nnifsi b'sagrifiċċju permezz ta' dak it-twemmin fieragħ. Għax xi jfisser nagħalfu l-irjieħ jekk mhux inpaxxu lid-dimonji billi bl-iżbalji tagħna nagħtuhom gost u nġagħluhom jiddieħku bina?

3. Minħabba f'hekk ma qtajtx għal kollox milli nitlob il-pariri ta' dawk iċ-ċarlatani li jsejħulhom matematiċi, għax dawn la kienu joffru sagrifiċċji u lanqas jitolbu lill-ispirti biex ibassrulhom il-ġejjieni. It-tjieba tabilħaqq nisranija twarrab u tikkundanna bil-ħaqq kollu dan it-taħriġ. Mulej, tajjeb li nfaħħruk u ngħidulek: Ħenn għalija u fejjaqni, għax dnibt kontra tiegħek. Mhux sewwa ninqdew bil-maħfra tiegħek biex nidinbu iżjed, imma jenħtieġ niftakru li l-Mulej qal: "Ara, issa fiqt; qis li ma tidnibx iżjed, biex ma tiġrilekx xi ħaġa agħar"[6]. U sar qawwi u sħiħ. Imma dawk jagħmlu minn kollox biex jeqirdulu saħħtu, u jgħidulu, "Il-marda tad-dnub ġiet fuqek mis-sema u ma tistax teħles minnha", u, "Ġejja minn Venere, jew minn Saturnu, jew minn Marte". Fi kliem ieħor iridu jgħidu li l-bniedem, tad-demm u l-laħam u

mintna mkabbra, ma għandux ħtija; il-ħtija hi ta' min ħalaq is-smewwiet u l-kwiekeb u qassamhom. U dan min hu ħliefek, Alla tagħna, kollok ħlewwa u għajn tal-ġustizzja, li trodd lil kulħadd skond egħmilu u ma twarrabx qalb maqsuma u sogħbiena?

F'dik il-ħabta kien hemm raġel mimli dehen, jinqala' ħafna u magħruf wisq fil-mediċina. Billi kien il-prokonslu, ġie jqegħidli b'idejh stess fuq rasi marida l-kuruna li rbaħt fil-konkors. Dan ma għamlux bħala tabib, għax mard bħal dak li kelli jien ħadd ma jista' jfejqu ħliefek, li tieqaf lill-kburin u tagħti l-grazzja lill-umli. Forsi int ma ssoktajtx tgħinni jew waqqaft il-fejqan ta' ruħi anki permezz ta' dak ix-xwejjaħ? Jien sirt aktar ta' ġewwa miegħu u sikwit kont noqgħod nisimgħu medhi; kliemu kien fih x'tiżen u jhenni, qawwi u ħaj, mingħajr tlellix. Minn dak li għidtlu ntebah kemm kont mogħti għall-qari tal-kotba ta' dawk li jbassru mill-kwiekeb, u bi mħabba ta' missier fetaħli għajnejja u qalli li kotba bħal dawk ma kellix xi rridhom, biex ma noqgħodx inxerred għalxejn fuq frugħat il-ħsieb u x-xogħol meħtieġa għal li hu siewi. Qalli li hu wkoll kien tgħallem dik is-sengħa hekk li f'żgħożitu ried iħaddimha biex ikollu biex igħix, għax ladarba seħħlu jifhem lil Ippokrate[7], kien iseħħlu jifhem dawk il-kotba wkoll. Iżda mbagħad warrabhom u ta ruħu għall-mediċina, mhux għal ħaġ'oħra ħlief għax ra kemm kienu tassew qarrieqa u ma riedx li, raġel sewwa bħalu, jaqla' ħobżu billi jqarraq bl-oħrajn. U żied igħidli, "Inti għandek xi jżommok wieqaf fost il-bnedmin, għandek ir-rettorika, u qiegħed tixħet għaqlek fuq dan il-qerq għax trid int, mhux għax tenħtieġu biex taqla' x'tiekol. U għalhekk imissek iżjed toqgħod għal li qiegħed ngħidlek fuqu jien li ħabrikt



Meta Wistin kellu sbatax-il sena missieru miet; ma kienx ilu wisq li tgħammed u għamel mewta ta' nisrani.

ħafna biex nitgħallmu mill-qiegħ u nagħmlu l-mezz waħdieni tal-għajxien tiegħi." Imbagħad staqsejtu xinhi fil-fehma tiegħu r-raġuni li jseħħ ħafna mit-tbassir li jsir permezz ta' dak l-istudju. Weġibni kif seta' u qalli li jaħbat hekk, skond iċ-ċirkustanzi mxerrda 'l hawn u 'l hinn fil-ħolqien. Qalli li jista' jiġri li bniedem, hu u jaqra l-paġni ta' wieħed poeta, jiltaqa' ma' vers li jkun jaqbel b'mod tal-għaġeb ma' dak li jkun għaddej minnu hu, ħaġa li l-poeta qatt ma jkun qalha jew waqgħet fi ħsiebu. U ssokta igħidli li għalhekk mhux ta' min jistagħġeb jekk ir-ruħ tal-bniedem, bla ma tintebah xinhu jiġri ġewwa fiha, tħoss bħal qawwa ogħla minnha ġġagħalha tgħid dak li jkun jaqbel sewwa sew maċ-ċirkustanzi u l-egħmil ta' min imur jistaqsiha xi ħaġa, u dan mhux għax tkun trid hi, iżda għax jaħbat hekk.

Int ridt li dak ix-xwejjaħ jagħtini dawn it-twissijiet, jew tajthomli int minn fommu, u hekk fassaltli f'moħħi l-pjan tal-mistoqsijiet li kont għad irrid nagħmel lili nnifsi. Iżda matul dak iż-żmien la hu u lanqas l-egħżeż ħabib tiegħi Nebridju[8], żagħżugħ mill-aħjar u tar-ruħ, ma seħħilhom idaħħluli f'rasi biex inwarrab dawk l-kotba minn idejja, minkejja li ħabibi kien isibhom tad-daħk u jwaqqagħhom kollha għaċ-ċajt. L-awturi tagħhom kellhom setgħa aqwa fuqi, u kont għadni ma sibt ebda xhieda ċara kif xtaqtha jien li bla tlaqliq xejn setgħet turini li t-tbassir imfittex minn għand l-astroloġi kien jinzertalhom mhux bil-ħila u s-sengħa tagħhom, imma għax ikunu xortihom tajba u jaħbtilhom hekk.

4. F'dawk is-snin, meta bdejt ngħallem f'belt twelidi, iltqajt ma' ħabib li għożżejtu ħafna għax kellu l-istess

ħerqa għat-tagħlim bħali. Kien daqsi fil-għomor u fl-aħjar ta' żgħożitu bħali; kbirna flimkien fi tfulitna, morna fi skola waħda u konna nissieħbu fil-logħob. Fi ċkunitna ma kienx ħabib tiegħi daqs kemm meta rġajna ltqajna, u anqas wara li ltqajna ma tnisslet bejnietna dik li hi ħbiberija tassew, għax ma tkunx ħbiberija tassew ħlief meta int biha tgħaqqad bejniethom lil dawk li jintrabtu miegħek bl-imħabba li ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna. Madankollu kienet ħbiberija mill-oħla għalija, iżjed u iżjed għax it-tnejn kellna l-istess xeħtiet. F'żgħożitu kien iħaddan il-fidi vera, għad li ma kienx sħiħ għal kollox fiha; jien warrabtu minnha u waqqajtu fil-ħażen tal-ħrejjef supertizjużi li minħabba fihom bekkejt lil ommi. Dak il-bniedem sar bħali, moħħu mimli bil-għelt, u jien ma stajtx ngħaddi mingħajru. U ara, inti ġrejt wara dawk li ħarbu minnek, o Alla li titħallas imma li f'ħin wieħed inti l-għajn ta' kull ħniena li b'ħafna modi tal-għaġeb treġġagħna lura għandek; ara, inti ħtaft lil dak il-bniedem minn din il-ħajja wara bilkemm sena li sar ħabib tiegħi, ħelu aktar mill-ħlewwiet kollha li doqt f'ħajti f'dak iż-żmien.

Min jista' waħdu jgħodd l-egħmejjel tiegħek ta' tifħir li wieħed iġarrab waħdu fih innifsu? Int x'għamilt, Alla tiegħi, f'dawk il-jiem? Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzji tiegħek mill-qiegħ! Dam ħafna mixħut, jaħraq bid-deni u mitluf, bil-għaraq tal-mewt fuq ġbinu. Meta qatgħu qalbhom minnu, għammduh bla ma kien jaf. Jien ma ħabbiltx rasi, għax stennejt li l-ispirtu tiegħu jibqa' sħiħ fil-fehmiet li ħa minn għandi u mhux f'dak li sar fuq ġismu meta ma kienx f'sensih. Iżda ġara kollox bil-maqlub ta' dak li ħsibt jien. Qaleb għall-aħjar u ħeles

mill-periklu. Billi jien ma kontx nitqanqal minn ħdejh għax konna marbutin ħafna bejnietna, wara ftit stajt inkellmu u hu wkoll felaħ ikellimni. Minnufih qbadt niċċajta quddiemu stess bil-magħmudija li tawh waqt li kien mitluf għal kollox minn moħħu u s-sensi tiegħu. Stennejtu se jidħak miegħi, imma kien diġà sar jaf li għammduh. Hu ħares biċ-ċiera lejja qisni kont xi għadu tiegħu, u b'sinċerità tal-għaġeb li ma stennejthiex minnu wissieni biex ma nżidx ngħidlu ħwejjeġ bħal dawk jekk irrid nibqa' ħabib tiegħu. Jiena nblajt u tħawwadt, iżda ma wrejtu xejn; ħallejt għal meta jerġa' jieħu saħħtu u jiġi f'tiegħu għal kollox biex inkun nista' nitħaddet miegħu kif irrid. Imma nħataf 'il bogħod mill-ġenn tiegħi biex inti żżommhuli ħdejk għall-faraġ tiegħi. Ftit jiem wara, waqt li jien kont barra, reġa' telagħlu d-deni u miet.

In-niket firixli dalma fuq qalbi, inħares fejn inħares kont nilmaħ il-mewt. Belt twelidi saret martirju għalija, dar missieri mtietli bi dwejjaq liema bħalhom; kull ma konna naqsmu flimkien bejnietna, mingħajru sar iċarratli qalbi bis-sħiħ. Għajnejja kienu jfittxuh kullimkien, imma għalxejn; u bdejt nobgħod dak kollu li kien mingħajru. Ħadd iżjed ma seta' jgħidli, "Ara, ma jdumx ma jiġi", kif kienu jgħiduli f'ħajtu meta kien ikun barra. Sirt kwistjoni kbira għalija nnifsi; kont nistaqsi lil ruħi l-għala kienet imnikkta u qiegħda tħawwadni daqshekk u qatt ma għarfet tweġibni. Jekk ngħidilha, "Ittama f'Alla", ma kinetx tisma' minni, u bir-raġun, għax il-bniedem mill-egħżeż li tilfet kien aħjar u iżjed tassew minn dak il-fantażma li kont nuriha biex tittama fih[9]. Id-dmugħ biss kien ħelu għalija u ħa post ħabibi fost il-ħwejjeġ ta' faraġ għal ruħi.

5. U issa, Mulej, dan kollu għadda u l-ġerħa ta' qalbi għalqet biż-żmien. Nista' nisma' minn għandek, li int il-verità, nista' nressaq il-widnejn ta' qalbi qrib fommok biex tgħidli l-għala d-dmugħ hu ħelu għall-imsejknin? Forsi int, għad li tinsab kullimkien, warrabt il-miżerja tagħna 'l bogħod minnek u, waqt li inti tibqa' fik innifsek, aħna nibqgħu nixxejru skond it-tiġrib tagħna? U madankollu jekk ma nsemmgħulekx il-biki tagħna f'widnejk ma jibqa' xejn mit-tama tagħna. Xinhi mela r-raġuni li mill-imrar tal-ħajja niġbru frott ħelu ta' lfiq u biki u tnehid u tinwiħ? Il-kawża ta' din il-ħlewwa hi forsi t-tama li inti tisma' dan kollu? Hekk tabilħaqq jiġri fit-talb, għax hu mqanqal mix-xewqa li jasal quddiemek. Imma nista' forsi ngħid li dan ġara ukoll fit-tbatija tat-telfa u n-niket li ġarrabt f'dawk il-jiem? Għax jien la kont nittama u lanqas nitlob bid-dmugħ f'għajnejja li nerġa' narah ħaj, imma kont biss insofri u nibki. Kien fini ħasra u tlift il-hena tiegħi. Jew forsi l-biki fih l-imrar tiegħu imma jserraħna mit-togħma qarsa ta' dak li fl-imgħoddi kien iħennina u mbagħad stmerrejnieh?

6. Għalfejn qiegħed ingħid dan kollu? Issa mhux żmien li noqgħod nistaqsik imma li nagħmillek l-istqarrijiet tiegħi. Kont bniedem imsejken, u miskin hu kull min jintrabat bl-imħabba mal-ħwejjeġ ta' l-art, għax itertaq qalbu jekk jitlifhom; imbagħad jintebaħ bil-qagħda msejkna li fiha jsib ruħu, anzi li kien jinsab fiha sa minn qabel ma tilifhom. Dan hu li ġrali f'dik il-ħabta. Kont nibki biki ta' qsim il-qalb u nsib is-serħ tiegħi f'dan l-imrar. Kont hekk imsejken li l-istess ħajti msejkna kienet egħżeż għalija minn dak il-ħabib. Xtaqt inbiddilha, iżda ma ridtx nitlef lilha minfloku.

Jingħad, jekk mhux ħrafa, li Oreste u Pilade[10] bejniethom xtaqu li għallinqas imutu flimkien, għax għalihom kien agħar mill-mewt jekk ma jgħixux flimkien. Ma nafx kontx lest biex nagħmel hekk jien ukoll ma' ħabibi. Ġewwa fija ħassejt xi ħaġa bil-maqlub ħafna ta' dan, ma nafx infisser x'kienet. Il-ħajja kienet iddejjaqni bis-sħiħ, imma f'ħin wieħed il-mewt kienet tbeżżagħni. Naħseb li, aktar ma kont inħobbu, aktar sirt nobgħod il-mewt li serqithuli u nibża' minnha qisha xi għadu mill-eħrex. Deherli li, ladarba setgħet taħtaf lilu, fi żmien qasir kienet se taħtaf lil kulħadd. Dan hu sewwa sew li ħassejt, niftakar. Ara qalbi, Alla tiegħi, ara x'hemm ġewwa fiha, ħares lejn tifkirieti, tama tiegħi, int li tnaddafni mill-ħmieġ ta' ħsus bħal dawn, li ddawwarli għajnejja lejk u taqlagħli riġlejja mix-xbiek. Kont nistagħġeb kif il-bnedmin l-oħra jibqgħu ħajjin ladarba miet dak li għalija kien hekk għażiż qisu mhu se jmut qatt, u iżjed kont nistagħġeb kif wara mewtu stajt nibqa' ħaj jien, li kont hu ieħor. Sewwa qal wieħed fuq ħabibu meta qal li hu nofs ruħu. Jien kont inħoss li ruħi u ruħu kienu ruħ waħda f'żewġt iġsma; għalhekk stmerrejt il-ħajja għax ma ridtx ngħixha bin-nofs, u jista' jkun li għalhekk ukoll bżajt immut, biex dak li ħabbejt ħafna ma jmutx kollu kemm hu.

7. Kemm hu iblah min ma jafx iħobb lill-bniedem ta' bniedem li hu! Kemm hu bla moħħ min ma jilqax bis-sabar lill-bniedem talli hu! Hekk kont jien f'dak iż-żmien, u minħabba f'hekk kont nisħon, nitniehed, nibki u nitħawwad, u la stajt insib kwiet u lanqas seħħli nifhem. Kont inġorr ġewwa fija ruħ imbiċċra b'demmha jċarċar, ruħ li ma felħetx tissaportini nġorrha u mkien ma sibt fejn

inqegħedha. Ma stajtx insibilha fejn tistrieħ, la fl-imsaġar sbieħ, la fil-logħob jew fil-għana, la fil-ġonna mfewħa, la fl-ikliet kbar, la fil-hena ta' dari u soddti, u lanqas fil-kotba u l-poeżija. Kollox kien ikexkixha, sa d-dawl tal-jum, u kienet tistkerrah u tobgħod dak kollu li ma kienx ħabibi, minbarra t-tnehid u l-biki, għax f'dawn biss kienet issib ftit mistrieħ. U meta tieqaf mit-tnehid u l-biki, kienet ittaqqalni bi dwejjaq liema bħalhom. Kont naf, Mulej, li kien imissni nerfagħha lejk biex tfejjaqhieli, imma dan la ridt u lanqas stajt nagħmlu, iżjed u iżjed għax jien u naħseb fik ma kontx inġibek f'moħħi bħala ħaġa sħiħa u soda, moħħi kien jara mhux lilek iżda l-frugħa ta' fantażma; l-iżball tiegħi kien l-alla tiegħi[11]. U meta kont nipprova nqiegħed lil ruħi fi ħdanu biex tistrieh, kienet tibqa' nieżla fil-vojt u terġa' tinxteħet fuqi. U hekk bqajt għalija nnifsi rokna ta' dwejjaq li la stajt nibqa' fiha u lanqas noħroġ minnha. Fejn setgħet qalbi taħrab minn qalbi? Fejn stajt naħrab minni nnifsi? Kif stajt ma nimxix warajja stess? Iżda ħrabt minn belt twelidi. B'hekk għallinqas għajnejja setgħu inqas minn qabel ifittxu lil ħabibi fejn ma kinux imdorrijin jarawh, u minn Tagaste mort f'Kartaġni.

8. Iż-żmien la jieħu btala u lanqas jibqa' għaddej fil-għażż minn quddiem is-sensi tagħna; hu jagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb fir-ruħ. Kien jiġi kuljum u jibqa' għaddej, u kull darba li jiġi u jgħaddi kien inissilli tamiet ġodda u jġibli tifkiriet oħra. Qajla qajl reġa' fetaħli t-triqat tal-pjaċiri l-imgħoddija u dawn daħlu minflok in-niket tiegħi. Iżda mbagħad ġie fuqi mhux niket ġdid imma kawżi ta' ħafna niket ieħor. In-niket ta' mewt ħabibi kien nifidli qalbi b'ħeffa kbira; imma x'kienet il-kawża jekk mhux

għax sawwabt lil ruħi fuq ir-ramel billi bniedem li jmut ħabbejtu qisu mhu se jmut qatt? Il-faraġ li sibt minn ħbiebi l-oħra kien iserraħni u jsaħħaħni ħafna tabilħaqq: flimkien magħhom kont inxerred imħabbti fuq dak kollu li ħabbejt minflokok, fuq il-ħrafa ta' qerq liema bħalu, dak il-gideb bla tarf li bit-tmellis ħajjen tiegħu kien iġiegħel lil widnejna jikluna u jħassrilna moħħna[12]. Imma dik il-ħrafa ma kinetx tintemmli mal-mewt ta' xi ħadd minn ħbiebi. Kien hemm ukoll ħwejjeġ oħra jorbtuni iżjed magħhom: it-taħdit u d-daħk bejnietna, ir-rispett ħlejju lejn xulxin, il-qari flimkien ta' kotba li jogħġbu, iċ-ċajt flimkien u l-mogħdija tażżmien bejnietna, xi drabi nuqqas ċkejken ta' ftehim bla ebda mibegħda bħal meta wieħed jeħodha miegħu nnifsu, il-ħafna qbil bejnietna li naslu għalih permezz ta' l-istess nuqqas rari ħafna ta' ftehim, it-tagħlim lil xulxin jew minn xulxin, ix-xewqa bla sabar għall-ħbieb imbiegħda, il-merħba ferrieħa li nagħtuhom meta jerġgħu lura fostna: dawn, flimkien ma' sinjali oħra bħalhom, ħerġin minn qlub li jħobbu u jinħabbu u mfissrin permezz tal-fomm, l-ilsien, il-għajnejn u elf tqanqila oħra mill-oħla, kienu qishom ġamar idewbilna l-erwieħ tagħna u minn ħafna rwieħ isawwar waħda biss.

9. Dan hu li jinħabb fil-ħbieb, u jinħabb hekk li l-kuxjenza tniggiżna jekk ma nroddux imħabba bi mħabba bejnietna, bla ma nitolbu xejn wieħed mill-ieħor ħlief xhieda ta' ħbiberija. Minn hawn ġej in-niket meta jmut ħabib, id-dalma tat-tbatija, il-bidla tal-ħlewwa fi mrar għall-qalb magħsura, u l-mewt ta' min jibqa' ħaj minħabba l-ħajja mitlufa ta' min imut. Hieni min iħobb lilek, min iħobb lill-ħabib fik u lill-għadu minħabba fik. Ma jitlef

ebda għażiż dak biss li għalih kulħadd hu għażiż f'min ma jista' jintilef qatt. U min ma jista' jintilef qatt ħlief Alla tagħna, Alla li għamel is-sema u l-art u jimliehom, għax ħalaqhom billi mliehom? Lilek ħadd ma jitilfek ħlief dak li jitilqek, u fejn imur jew fejn jaħrab jekk jitilqek? Jaħrab mis-sliem tiegħek u jaqa' fil-għadab tiegħek. Hemm xi mkien fejn ma jsibx il-liġi tiegħek għall-piena tiegħu? U l-liġi tiegħek hija l-verità, u l-verità hija int.

10. Alla ta' l-eżerċiti, reġġagħna għal li konna, itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek u nkunu salvi. Ir-ruħ tal-bniedem, iddur fejn iddur, kullimkien barra minnek teħel fit-tbatijiet, anki jekk tintrabat ma' sbuħijiet barranin għalik u għaliha nfisha, għax dawn ma huma sbuħijiet xejn jekk mhumiex ġejjin minnek. Ifiġġu u jogħsfru: ifiġġu u donnhom jibdew jeżistu, jikbru sa ma jilħqu l-għomor tagħhom, imbagħad jiqdiemu u jintemmu; mhux kollha jiqdiemu, iżda lkoll jintemmu. Mela meta jidhru u jibdew ifittxu l-eżistenza tagħhom, aktar ma jikbru malajr biex isiru jeżistu, aktar iħaffu lejn it-tmiem ta' l-eżistenza tagħhom. Sa hawn biss jistgħu jaslu, u int daqshekk biss tajthom, għaliex huma minn dawk il-ħwejjeġ li ma jeżistux kollha kemm huma f'ħin wieħed, iżda jintemmu u jiġu oħrajn minflokom u hekk ilkoll isawru l-univers bħala biċċiet minnu. L-istess jingħad mid-diskors tagħna: isir permezz ta' ħafna ħsejjes, wieħed wara l-ieħor. Ma jkunx diskors sħiħ jekk kelma wara li titlissen ma tibqax għaddejja biex oħra titlissen flokha. Ħa tfaħħrek ruħi għal dawk il-ħwejjeġ, Alla li ħlaqt kollox, basta ma teħilx magħhom bil-kolla ta' l-imħabba permezz tas-sensi tal-ġisem. Huma jgħaddu u jibqgħu sejrin lejn it-tmiem tagħhom, iżda b'ġibdiet moqżieża



Ġewwa Kartaġni sab ruħu mdawwar minn kullimkien bi mħabbiet ħżiena u hu ħalliehom idardrulu iżjed in-nixxiegħa tal-ħbiberija bil-ħmieġ tagħhom.

jagħmlu ħsara kbira lir-ruħ, għaliex hi tixtieq tkun fil-ħwejjeġ li tħobb u jogħġobha tistrieħ fosthom. Imma fosthom ma ssibx fejn tistrieħ għax huma ma jieqfu qatt; jaħarbu, u min jista' jilħaqhom bis-sensi tal-ġisem? Min jista' jaqbadhom imqar meta jkunu fil-qrib? Is-sensi tal-ġisem jaħdmu bil-mod, għax huma tal-ġisem. Hekk huma magħmula, u dan hu biżżejjed biex jintlaħaq il-ħsieb li ssawru għalih, iżda mhumiex biżżejjed biex iwaqqfu dak li jkun għaddej mill-bidu tiegħu sa tmiemu. Fil-kelma tiegħek, li permezz tagħha saru, jisimgħu xi jgħidilhom, "Minn hawn sa hawn".

11. Tkunx fiergħa, ruħ tiegħi, u la ttarraxx il-widna ta' qalbek bil-ħsejjes tal-frugħa tiegħek. Isma' int ukoll: il-kelma nfisha qiegħda ssejjaħlek biex terġa' lura; il-post tal-kwiet li ma jitħassarx huwa dak fejn ħadd ma jwarrab l-imħabba jekk hi ma twarrabx. Ara, dawk il-ħwejjeġ igħaddu biex jiġu oħrajn minflokom, u hekk l-univers ta' hawn taħt iseħħ permezz ta' kull biċċa minnu. "Huwa jien se nwarrab minn xi mkien?" tgħid il-kelma ta' Alla. Għammar fiha, ruħ tiegħi, u ħalli f'idejha kull ma ġiek minnha, int li qiegħda tħossok mifnija mill-qerq. Ħalli f'idejn il-verità kull ma ġiek mill-verità u ma titlef xejn; kull ma tħassarlek jerġa' jissaħħaħ, kull ma sar dgħajjef fik jerġa' jiġi f'siktu, kull ma tħeddel fik jerġa' jieqaf u jiġġedded, jintrabat miegħek bla ma jġorrok 'l isfel miegħu, u jibqa' wieqaf miegħek ħdejn Alla li hu sod u jibqa' għal dejjem.

Il-għala fi ħżunitek trid timxi wara l-ġisem tiegħek? Ħalli lilu jdur u jimxi warajk. Kull meta tħoss xi ħaġa permezz tal-ġisem, tkun qiegħda tħoss biċċa waħda biss

minnha u ma tagħrafhiex sħiħa kif inhi, għad li l-biċċiet jogħġbuk ukoll. Li kieku kull sens ta' ġismek seta' jifhem is-sħiħ kollu kemm hu u ma kienx bħal ma hu issa b'kastig tiegħek, jiġifieri, iwassal għal biċċa waħda biss u mhux iżjed, kieku int kont tkun trid li l-ħwejjeġ kollha li jeżistu bħalissa jibqgħu għaddejjin biex tgawdihom aħjar ilkoll flimkien. Bl-istess sens ta' ġismek inti tisma' kull ma ngħidu u żgur ma tridx li s-sillabi jżommu weqfin, imma tridhom jibqgħu għaddejjin biex jiġu oħrajn minflokhom hekk li tisma' d-diskors sħiħ. L-istess il-biċċiet li jagħmlu ħaġa waħda sħiħa, ma jistgħux jeżistu lkoll f'ħin wieħed biex isawruha; dejjem hekk jiġri. Li kieku l-biċċiet setgħu jaqgħu kollha taħt is-sens f'ħin wieħed, kieku kienu jintgħoġbu aktar ilkoll flimkien milli kull waħda għaliha. Wisq aħjar minn dawn il-ħwejjeġ hu min għamilhom, u dan hu Alla tagħna, li ma jgħaddi qatt għaliex xejn ma jiġi minfloku.

12. Jekk l-iġsma jogħġbuk, faħħar 'l Alla permezz tagħhom u sawwab imħabbtek fuq min għamilhom, biex ma tagħtihx dispjaċiri bil-ħwejjeġ li jagħtu pjaċir lilek. U jekk l-erwieħ jogħġbuk, ħobbhom f'Alla; huma wkoll jitbiddlu, iżda fih jibqgħu jżommu sħaħ, għax inkella kienu jgħaddu u jintemmu. Mela ħobbhom fih u miegħek iġbed lejh l-erwieħ kollha li tista' u għidilhom, "Ejjew inħobbuh, ejjew inħobbuh: hu għamel dawn il-ħwejjeġ kollha u mhuwiex imbiegħed minnhom. Għax wara li għamilhom ma telaqhomx; ġew minnu u jinsabu fih. Iżda hu fejn jinsab? Fejn niggustaw il-verità? Fil-qiegħ tal-qalb; iżda l-qalb ħarġet mit-triq tiegħu. Midinbin, erġgħu aħsbuha, ingħaqdu ma' min għamilkom. Ibqgħu miegħu, u tkunu

qawwijin u sħaħ; istrieħu fih, u ssibu l-mistrieħ tagħkom. Għaliex tfittxu l-għali? Għaliex? Il-ġid li tħobbu ġej minnu, biss dan il-ġid hu tajjeb u ħelu sakemm tinqdew bih f'Alla, inkella bil-ħaqq kollu jsirilkom morr, għax ladarba tkunu tlaqtu 'l Alla, l-imħabba tagħkom għal kull ma hu ġej minnu tkun ħażina. X'jiswielkom timxu l-ħin kollu fi triqat imwiegħra u iebsa? Il-mistrieħ ma jinsabx fejn qegħdin tfittxuh. Fittxu, iva, dak li qegħdin tfittxu, iżda mintomx se ssibuh fejn qegħdin tfittxuh. Għax intom qegħdin tfittxu ħajja hienja f'art l-imwiet: hemm ma ssibuhiex. Kif jista' jkun hemm ħajja hienja fejn ma hemmx ħajja?

"Dak li hu nnifsu hu l-ħajja tagħna niżel fuq din l-art, tgħabba bil-mewt tagħna u qeridha bil-ħajja kotrana tiegħu. Hu semmgħalna leħnu bħal ragħda biex nerġgħu lura minn hawnhekk għal għandu, f'dak il-post qaddis li minnu ġie fostna, u l-ewwel daħal fil-ġuf ta' verġni fejn tgħarras man-natura tal-bniedem, libes il-ġisem tagħna li jmut biex dan ma jmutx għal dejjem, u mbagħad minn hemm, qisu għarus ħiereġ minn kamartu, ħareġ ferħan bħal ġgant għall-ġirja tiegħu. Bla xejn dewmien beda jiġri u jgħajjat bi kliemu u egħmilu, bil-mewt u l-ħajja tiegħu, bl-inżul u t-tlugħ tiegħu, igħajjat biex nerġgħu lura għal għandu. Imbagħad ittieħed minn quddiem għajnejna biex nerġgħu nidħlu fil-qalb tagħna ħalli nsibuh ġo fiha. Telaq, imma ara, qiegħed hawn. Ma riedx idum wisq magħna, u ma telaqniex. Mar f'post li qatt ma ħareġ minnu, għax id-dinja saret bih, u hu kien fid-dinja, u ġie fid-dinja biex isalva lill-midinbin. Ruħi tfaħħru, u hu jfejjaqha għax dinbet kontra tiegħu. Ulied il-bnedmin, kemm se ddumu twebbsu qalbkom? Il-ħajja niżlet fostna, u minkejja dan ma tridux titilgħu 'l fuq biex tgħixu? Imma kif tistgħu

titilgħu jekk diġà ntrefajtu fil-għoli u sa kontra s-sema tqassu? Erġgħu inżlu minn hemm, biex titilgħu ħdejn Alla, għax meta tlajtu kontra Alla waqajtu". Dan għidilhom, ruħ tiegħi, ħalli jibku f'dan il-wied tad-dmugħ. U hekk inti tisraqhom flimkien miegħek lejn Alla. Jekk tkellimhom bil-ħeġġa ta' nar l-imħabba, l-ispirtu tiegħu jnebbahlek kliemek.

13. Jien dawn il-ħwejjeġ ma kontx nafhom, u fi mħabbti għas-sbuħijiet ta' l-art bqajt nogħdos 'l isfel. Lil ħbiebi kont ngħidilhom, "Huwa aħna nħobbu xi ħaġa minbarra s-sabiħ? Mela xinhu s-sabiħ? Xinhi s-sbuħija? Xinhu li jiġbidna u jorbotna mal-ħwejjeġ li nħobbu? Għax b'xejn ma konna ninġibdu lejhom li ma kinux xierqa u sbieħ." Rajt u għaraft li dak li hu qisu sħiħ u għalhekk sabiħ fl-iġsma huwa ħaġa, waqt li dak li hu adatt fihom u għalhekk xieraq hu ħaġ'oħra, bħalma biċċa mill-ġisem hija adatta għall-ġisem kollu, jew bħalma żarbun hu adatt għas-sieq, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Dawn il-ħsibijiet nibtu f'moħħi mill-qiegħ ta' qalbi, u għalhekk ktibt xi kotba fuq *Is-sabiħ u l-adatt*, minn għalija tnejn jew tlieta, inti taf, o Alla, għax jien ma niftakarx u ma bqajtx inżommhom; għalija ntilfu ma nafx kif.

14. Mulej Alla tiegħi, x'kien li qanqalni biex niddedika dawk il-kotba lil Ġerju, l-oratur Ruman? Jien qatt ma sirt nafu wiċċ imb'wiċċ, iżda kien bniedem li ħabbejtu għax kien imsemmi għall-għerf kbir tiegħu u smajt xi ħwejjeġ milli qal u għoġbuni. Iżda fuq kollox kien jogħġobni għax in-nies kienet tistagħġeb bih u tgħollih bit-tifħir talli minn bniedem Sirjak, diġà għaref fl-elokwenza Griega, sar ukoll

tal-għaġeb fl-elokwenza Latina u għaref kbir ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħlim tal-għerf. U hekk faħħart bniedem u ħabbejtu mill-bogħod. Forsi l-kliem ta' min ifaħħar inissel l-imħabba fil-qalb ta' min jisma'? Le, iżda hi l-imħabba ta' min ifaħħar li tkebbes l-imħabba f'min jisma'. It-tifħir inissel l-imħabba meta nemmnu li jkun ħiereġ mill-qalb safja ta' min ifaħħar, jiġifieri, meta nfaħħru bniedem għax inħobbuh.

Hekk kont inħobbhom lill-bnedmin f'dak iż-żmien, skond il-ħaqq li l-oħrajn kienu jagħmlu minnhom, mhux skond il-ħaqq tiegħek, Alla tiegħi, li ma jqarraq b'ħadd. Iżda mbagħad il-għala t-tifħir tiegħi ma kienx bħal dak li jingħata lil sewwieq magħruf jew lil kaċċatur imfaħħar minn kulħadd, iżda kien għal kollox xort'oħra u ogħla, l-istess kif kont nixtieqni għalija nnifsi? Jien ma kontx irrid it-tifħir u l-imħabba li jingħataw lill-atturi, għad li jiena stess kont infaħħarhom u nħobbhom; kont aktar nagħżel nibqa' moħbi milli nagħmel isem b'dan il-mod, anzi aktar ridt min jobgħodni milli min iħobbni bi mħabba bħal din. Xinhi dik il-ħaġa li fi bniedem ieħor inħobbha iżda li ma kontx inwarrabha u nbegħidha minni li kieku ma kontx nobgħodha fija stess? U madankollu aħna bnedmin, sew hu u sew jien. Wieħed iħobb żiemel tajjeb iżda ma jridx li hu stess isir żiemel, anqas kieku jista'; imma dan ma nistgħux ngħiduh għall-atturi li n-natura tagħhom u tagħna hi waħda. Mela jiena nħobb fi bniedem ieħor dak li nobgħod fija nnifsi għad li jien ukoll bniedem? X'għammieq bla qiegħ huwa l-bniedem! Int, Mulej, tgħodd saħansitra x-xagħar ta' rasu u ebda waħda minnhom ma tonqos quddiemek, u b'danakollu hija ħaġa aktar ħafifa li jingħadd ix-xagħar ta' rasu milli l-ġibdiet u t-tqanqiliet ta' qalbu.

Dak il-għaref fir-rettorika kien wieħed mill-bnedmin li jien ħabbejthom tant li xtaqt insir bħalhom. Kont minfuħ bija nnifsi, niġġerra 'l hawn u 'l hinn imbuttat minn kull riħ, waqt li int kont tmexxini bla ma tħallini nħossok. Kif sirt naf u minn fejn hi ġejja din iċ-ċertezza kollha li biha qiegħed nistqarrlek li lil dak il-bniedem ħabbejtu iżjed minħabba f'min faħħru milli minħabba fl-istess ħwejjeġ li għalihom faħħruh? Għax kieku l-istess nies maqdruh minflok faħħruh, u kieku l-istess egħmil tiegħu semmewh bi tmaqdir u żebliħ, jien ma kontx nitħeġġeġ u nitqanqal għalih; u b'danakollu żgur li la l-egħmil tiegħu ma kien jitbiddel u lanqas hu ma kien jinbidel fi bniedem ieħor. Il-bidla kienet tkun biss fis-sentimenti ta' min jitkellem fuqu. Ara fiex tintelaq ir-ruħ dgħajfa li tkun għadha ma qabbditx mal-blata tal-verità! Hija tibqa' tinġarr u titqalleb mal-fewġa mqanqla bl-ilsna mill-qalb ta' min juri fehemtu, iddur u terġa' ddur, id-dawl jiċċajprilha u ma tilmaħx il-verità li, ara, qiegħda quddiemna. Kont napprezza wisq li dak il-bniedem isir jaf bid-diskorsi u l-istudji tiegħi biex nitħeġġeġ iżjed għalihom jekk ikunu jogħġbuh, u jekk le, kont naqsam qalbi fiergħa u nieqsa mill-qawwa tiegħek. Frattant bqajt nieħu gost naħseb fuq is-sabiħ u l-adatt kif fissirthom fil-ktieb li ddedikajtlu, u dak ix-xogħol tiegħi kien jogħġobni minkejja li ħadd ma faħħarhuli.

15. Iżda l-qofol ta' verità hekk kbira kont għadni ma rajtux fil-għerf tiegħek, int li tista' kollox u waħdek tagħmel l-egħġubijiet. Ruħi kienet għadha medhija bis-suriet ta' l-iġsma, kont insejjaħ sabiħ dak li hu sħiħ u xieraq fih innifsu, u adatt dak li hu xieraq fir-rabta tiegħu mal-ħaġa sħiħa, u kont inwettaq dan it-tqassim tiegħi b'eżempji

mill-iġsma. Wara dan dawwart ħsibijieti fuq in-natura tar-ruħ, iżda l-fehma mqarrqa li kelli fuq il-ħwejjeġ spiritwali ma ħallitnix nilmaħ il-verità[13]. Il-verità kienet tolqotli għajnejja bil-qawwa kollha tagħha, iżda jien kont indawwar moħħi mtaqtaq minn fuq il-ħwejjeġ bla ġisem għal fuq il-bixriet u l-ilwien u d-daqs tas-suriet minfuħa bħal bżieżaq. U billi dawn ma stajtx narahom fir-ruħ, deherli li ma nistax nara l-istess ruħ. Fil-virtù kont inħobb is-sliem u fil-vizzju nobgħod il-firda, u għalhekk fil-virtù kont nilmaħ il-għaqda u fil-vizzju nara bħal qsim. Deherli li fil-għaqda jinsabu d-dehen u r-raġuni u n-natura tal-verità u ta' l-ogħla ġid, u fil-qsim, skond il-fehma msejkna li kelli, tinsab ma nafx liema sustanza ta' ħajja bla raġuni kif ukoll in-natura ta' l-aqwa ħażen. Għax għalija l-ħażen ma kienx biss sustanza imma wkoll ħajja, ħajja tassew li iżda mhijiex ġejja minnek, Alla tiegħi, li kollox ġej minnek[14]. U, bla ma kont naf x'jiena ngħid, lill-għaqda sejjaħtilha l-*monade*, bħala dehen bla sess, waqt li l-qsim sejjaħtlu d-*dijade*, bħalma hu l-għadab fil-ħażen u ż-żina fil-ħtijiet. Ma għaraftx u ma tgħallimtx li l-ħażen ma hu sustanza xejn, kif anqas id-dehen tagħna ma hu l-aqwa ġid li ma jitbiddel qatt[15].

Jekk it-tqanqil ta'ruħna jimbuttana għal xi egħmil u dan it-tqanqil ikun imħassar u jiżżattat sfiq u kburi, l-egħmil tagħna jkun ħażin; u jekk il-ġibdiet tar-ruħ, li minnhom jitnisslu l-ħajriet żienja, ma jkunux imrażżna, huma jwaqqgħuna fil-ħtija. Bl-istess mod, jekk ir-ruħ imżejna bir-raġuni tkun imħassra, ħajjitna titniġġes bl-iżbalji u l-fehmiet imqarrqa. F'dak iż-żmien ruħi kienet imħassra; ma kontx naf li, ladarba hi stess mhijiex is-sustanza tal-verità, kien imissni ndawwalha b'dawl ieħor

biex tara l-verità. Għax huwa int, Mulej, li tixgħelli l-musbieħ tiegħi; huwa int, Alla tiegħi, li ddawwal id-dlam tiegħi. Ilkoll kemm aħna ħadna mill-milja tiegħek, u inti d-dawl veru li jdawwal lil kull bniedem huwa u ġej fid-dinja; għax fik ma hemm ebda tibdil u ebda dell ta' tidwir.

Jien kont nagħmel ħilti biex niġi għandek, u int kont twarrabni minnek ħalli ddewwaqni l-mewt, għax inti tieqaf lill-kburin. U liema kburija hi aqwa minn dik li biha, fil-bluha tiegħi tal-għaġeb, wasalt biex ngħid li min-natura tiegħi jien dak li inti int? Jien kont bniedem li jitbiddel, u dan għaraftu iżjed u iżjed minħabba fix-xewqa li kelli għall-għerf biex bih inkun naf ninbidel minn ħażin għall-aħjar; madankollu aktar għażilt inġib quddiem għajnejja li inti wkoll titbiddel milli nemmen li jien miniex bħalma inti int. Minħabba f'hekk kont twarrabni u tieqaf lir-ras iebsa u mkabbra tiegħi. Ħsiebi kien fis-suriet tal-ġisem, kont ġisem jixli lill-ġisem, żiffa li tgħaddi u ma terġax lura lejk; bqajt nimxi u nterraq fost ħwejjeġ li la jinsabu fik, la fija u lanqas fil-ġisem, ħwejjeġ li ma sarux għalija mill-verità tiegħek iżda li jien, fil-frugħa tiegħi, kont naħseb fihom skond il-ġisem. U kont indur lejn iċ-ċkejknin fidili tiegħek, ulied belt waħda miegħi li tbegħidt minnhom bla ma kont naf, u kont ngħidilhom qisni iblah lablabi, "Mela għaliex ir-ruħ għandha tiżbalja jekk Alla għamilha?" Iżda ma ridtx nismagħhom igħiduli, "Mela għaliex Alla għandu jiżbalja?" Ridt aktar inwebbes rasi fil-fehma li s-sustanza tiegħek li ma titbiddilx hija mġagħla tiżbalja, milli nistqarr li s-sustanza tiegħi li titbiddel ħarġet mit-triq minn rajha u żbaljat b'kastig tagħha.

Minn għalija kelli sitta u għoxrin jew sebgħa u għoxrin sena meta ktibt dawk il-kotba; kelli moħħi mixgħul b'dawn

il-ħafna stejjer bla sens fuq l-iġsma, stejjer li kienu tarrxuli l-widnejn ta' qalbi bil-ħsejjes tagħhom. Għad li dan, o verità ħelwa, jien żammejt dawn il-widnejn miftuħa biex jien u naħseb fuq is-sabiħ u l-adatt nisma' ġewwa fija l-melodija tiegħek. Ix-xewqa tiegħi kienet li noqgħod wieqaf nisimgħek u nimtela bil-ferħ għal-leħen tal-għarus; iżda kienet xewqa bla temma, għax il-ħsejjes ta' l-iżbalji tiegħi kienu jkaxkruni b'saħħa kbira barra minni nnifsi u t-toqol tat-tkabbir tiegħi kien igħaffiġni ma' l-art. Ma ħallejtnix nisma' l-ferħ u l-hena, u għadmi ma setax jithenna għax kont għadek ma sħaqtux.

16. Kelli madwar il-għoxrin sena meta ġie f'idejja l-ktieb ta' Aristotli[16] jismu *Il-għaxar kategoriji.* Is-surmast li għallimni r-rettorika f'Kartaġni, kif ukoll oħrajn miżmuma b'għorrief, kienu jiftħu ħalqhom qisu se jixkatta mqar jekk biss isemmu isem il-ktieb, u jien kont noqgħod nismagħhom, b'għajnejja miftuħa beraħ, qisni quddiem xi ħaġa kbira u divina, fejn naf jien! Imma x'ġid swieli li dak il-ktieb qrajtu u fhimtu waħdi? Tħaddidt fuqu ma' xi wħud u qaluli li bilkemm fehmuh, avolja bil-għajnuna ta' surmastrijiet tassew għorrief li fissruhulhom mhux biss bil-kliem iżda wkoll permezz tal-ħafna xbihat li kienu jħożżulhom fir-ramel. Ħadd minnhom ma seta' jgħidli iżjed minn dak li tgħallimt jien bla għajnuna ta' ħadd meta qrajtu waħdi. Deherli li l-ktieb hu ċar biżżejjed fit-tagħlim tiegħu dwar is-sustanzi, bħalma hu l-bniedem, u dwar iċ-ċirkustanzi tagħhom, ngħidu aħna, is-sura tal-bniedem, minn xiex hu magħmul, kemm piedi hu twil, min jiġi minnu, min hu ħuh, fejn joqgħod, meta twieled, jekk hux bilwieqfa jew bilqiegħda, jekk hux imxidded

iż-żarbun, jekk hux armat, xinhu jagħmel jew xinhu jsirlu, f'kelma waħda ċ-ċirkustanzi bla għadd li niltaqgħu magħhom sew f'dawn id-disa' kategoriji li ġibt xi eżempji tagħhom, u sew fl-istess kategorija ta' sustanza.

Dan kollu swieli ta' ġid? Anzi swieli ta' deni, għax billi fil-fehma tiegħi kull ma jeżisti kellu bilfors jidħol f'xi waħda minn dawk il-kategoriji, deherli li lilek ukoll, Alla tiegħi, li int b'mod tal-għaġeb sempliċi u bla tibdil, lilek ukoll kelli nfittex nifhmek bħallikieku int suġġett tal-kobor u s-sbuħija tiegħek, hekk li dawn jinsabu fik qishom f'suġġett bħalma jinsabu fil-ġisem. Imma int, il-kobor u s-sbuħija tiegħek huma inti nnifsek, waqt li l-ġisem mhuwiex kbir u sabiħ għar-raġuni li hu ġisem, għax anki jekk ikun inqas kbir u inqas sabiħ, xorta waħda jibqa' ġisem. Mela l-fehma tiegħi dwarek kienet kollha qerq u mhux il-verità; kienet ħolma fiergħa tal-moħħ imsejken tiegħi, mhux dehra soda tal-ħajja hienja tiegħek. Dak li ordnajt int ġara fija wkoll, jiġifieri, li l-art tnibbitli xewk u għolliq u li jiena naqla' ħobżi bil-għaraq ta' ġbini.

Qrajt il-kotba kollha ta' l-arti hekk imsejħa liberali li stajt insib f'idejja u fhimthom waħdi. Xi swewli ladarba kont ilsir mill-agħar tal-ġibdiet ħżiena? Fihom kont insib il-hena tiegħi iżda ma għaraftx il-għajn tal-verità u ċ-ċertezza tat-tagħlim tagħhom. Tajt dahri lid-dawl u dawwart wiċċi lejn il-ħwejjeġ imdawla, hekk li jien u nħares lejhom wiċċi stess ma kienx imdawwal. Inti taf, Mulej Alla tiegħi, kemm bla sforzi żejda u bla għajnuna ta' ħadd tgħallimt dwar l-elokwenza, id-dijalettika, il-ġjometrija, il-mużika u l-aritmetika. Il-ħeffa tad-dehen u r-reqqa tar-riflessjoni huma doni tiegħek, iżda jien ma offrejthomx lilek, u għalhekk swewli aktar ta' deni milli

ta' ġid, għax fittixt li dawn is-setgħat mill-isbaħ tas-sustanza tiegħi nżommhom għalija nnifsi. Il-ħila tiegħi ma qegħidthiex taħt il-ħarsien tiegħek, iżda berbaqtha f'ħajja mtajra meta tlaqt minn quddiemek u mort f'pajjiż imbiegħed. X'ġid swieli t-tajjeb jekk inqdejt ħażin bih? Anki l-aħjar studenti jsibuha bi tqila ħafna biex jifhmu l-arti liberali, imma dan ma ġinix f'moħħi ħlief meta bdejt nagħmel ħilti kollha biex infissirhomlhom, u l-aħjar wieħed fosthom kien ikun dak li ma jdumx wisq biex jifhem it-tifsir tiegħi.

Dan kollu xi swieli, Mulej Alla verità, jekk lilek kont naħsbek ġisem mudwal u bla qjies u jien farka minn dan il-ġisem? X'qerq liema bħalu! Din kienet il-fehma tiegħi, Alla tiegħi, u llum ma nistħix nistqarr tjubitek miegħi u nsejjaħlek, kif f'dak iż-żmien ma stħajtx nistqarr id-dagħa tiegħi lill-bnedmin u niftaħ ħalqi bħal kelb kontra tiegħek. Xi swietli l-qawwa tad-dehen li wrejt f'dak il-għerf, xi swieli li seħħli nfisser ħafna kotba tqal mingħajr għajnuna ta' għalliema bnedmin, jekk imbagħad b'tagħwiġ sagri-legu żbaljajt bl-ikrah fil-għerf tat-tjieba tiegħek? Jew x'deni ġarrbu ċ-ċkejknin tiegħek li l-qawwa ta' dehenhom kienet tassew dgħajfa ħdejn tiegħi, meta huma ma tbegħdux minnek iżda baqgħu fil-bejta tal-Knisja tiegħek biex ikunu żguri li jrabbu r-rix u jsaħħu l-ġwienaħ ta' l-imħabba bl-ikel ta' fidi qawwija? Mulej Alla tagħna, ħallina nistkennu għad-dell ta' ġwenħajk, ħarisna u ieqaf magħna. Inti tieqaf magħna, waqaft magħna sa minn ċkunitna u tibqa' tieqaf magħna sa ma xagħarna jibjad. Għax il-qawwa tagħna tkun qawwa tassew meta tkun fik, waqt li ma tkun qawwa xejn jekk infittxuha fina. Il-ġid tagħna huwa dejjem ħaj quddiemek, u kien għalhekk li aħna ħżinna, għax tbegħidna

minnek. Ħa nduru lejk, Mulej, biex ma ninqerdux. Il-ġid tagħna, li huwa int, hu ħaj u bla ebda nuqqas quddiemek; ma jkollniex biża' li meta nerġgħu niġu għandek ma nsibux il-post li waqajna minnu, għax id-dar tagħna, li hi l-eternità tiegħek, qatt ma hi se taqa', anqas jekk aħna ma nkunux fiha.

[1]Fl-imperu Ruman kienu sikwit isiru gari u konkorsi letterarji; lir-rebbieħa kienu jagħtuhom kuruni tad-deheb jew minsuġin minn friegħi tal-ballut jew taż-żebbuġ.

[2]Ara n-nota 13 tat-III Ktieb.

[3]Qiegħed igħid għall-istudenti tal-liġi u t-taħriġ tagħhom biex jagħarfu jitkellmu bis-sengħa u l-għaqal fil-qrati u jseħħilhom jirbħu l-kawżi.

[4]Ma nafux min kienet din iż-żagħżugħa li S. Wistin għex erbatax-il sena magħha; hu ma jsemmihiex b'isimha, forsi għax fiż-żmien li kiteb l-Istqarrijiet tiegħu kienet għadha ħajja f'monasterju f'Kartaġni fejn ikkonsagrat ruħha 'l Alla.

[5]Dawn is-sħaħar kienu jagħmlu sagrifiċċji ta' bhejjem u jħarsu lejn il-ġewwieni tagħhom biex fih jaqraw xi jkun se jiġri 'l quddiem. Iżda l-Manikej ma kinux joqtlu annimali għax kienu jemmnu li dawn ukoll għandhom fihom biċċa mis-sustanza divina.

[6]Ġw 5, 14.

[7]Tabib magħruf Grieg li għex mis-sena 469 sas-sena 399 qabel Kristu.

[8]Ħabib kbir ta' S. Wistin li 'l quddiem isemmih iżjed.

[9]S. Wistin jissokta jfisser dan il-ħsieb fin-numru 7 ta' dan ir-IV Ktieb.

[10]Żewġt iħbieb kbar imsemmija fil-mitoloġija Griega.

[11]Ara n-nota 9 aktar 'il fuq.

[12]Ħbiebu kienu jemmnu bħalu fit-tagħlim tal-Manikej.

[13]Il-Manikej kienu jgħallmu li iġsma biss jeżistu, xi wħud imsoffija b'mod u oħrajn b'mod aqwa, bħar-ruħ u Alla.

[14]Ara x'jingħad fin-nota 7 tat-III Ktieb dwar it-tagħlim tal-Manikej fuq iż-żewġ sustanzi eterni tat-tajjeb u tal-ħażin.

[15]Skond il-Manikej, ir-ruħ imżejna bid-dehen hija biċċa mis-sustanza divina.

[16]Filosfu Grieg li għex mis-sena 384 sas-sena 322 qabel Kristu; kien dixxiplu ta' Platun f'Atene; mar fil-Maċedonja fejn kien surmast ta' Alessandru ż-Żgħir; fis-sena 335 reġa' lura f'Atene u fetaħ skola hekk imsejħa tal-Peripatetiċi, għar-raġuni li lill-istudenti tiegħu kien igħallimhom huma u miexja fil-Liċeo ta' Atene; kiteb fuq etika, politika, poeżija, żooloġija, fiżika, metafiżika u rettorika, u kien l-ewwel wieħed li għallem il-loġika.